A.L. 303 ta' l-2003

ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Pubblikazzjoni ta' Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") qegħda b'dan tippubblika din id-Direttiva li ġejja għall-finjiet ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar is-Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali) u tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Provdituri ta' Servizzi għal *Internet u Data Networks* oħra.

"Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Il-Keyworld Ltd kienet talbet l-intervent ta' l-Awtorità skond l-artikoli 27, 28 u 29 ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, fejn allegat li l-Maltacom plc kienet waqfet l-aċċess mill-*payphones* pubbliċi għan-numri li jibdew b'erba' numri 2188 u li bħala riżultat l-abbonati għas-servizz tal-OneVoice operat mill-Keyworld Ltd ma setgħux jikkonnetjaw man-numru ta' aċċess 21884773 minn xi *payphone* tal-Maltacom plc.

Wara din il-komunikazzjoni kemm Maltacom plc kemm Keyworld Ltd għamlu diversi sottomissjonijiet bil-kitba lill-Awtorità.

L-Awtorità wara li qieset ukoll is-sottomissjonijiet kollha magħmula u d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet, teddeċiedi kif ġej:

L-allokazzjoni u l-*management* tan-numri hi r-responsabbiltà ta' l-Awtorità, u l-Maltaocm plc ma għandhiex id-dritt li twaqqaf l-aċċess għal dawn in-numri mill-*payphones* pubbliċi tagħha. Qegħda ssir riferenza f'dan ir-rigward għar-regolament 17 ta' l-Avviż Legali 151 ta' l-2000 li tirrikjedi li l-operaturi jobdu kull ordni li l-Awtorità tagħti dwar il-pjan ta' enumerar nazzjonali.

L-Awtorità tqis li d-determinazzjoni ta' kwistjonijiet odjerni sserraħ primarjament fuq it-twaqqif ta' aċċess għal sett ta' numri u dan mingħajr

ebda raġuni valida fil-liġi. L-Awtorità tamministra l-pjan tan-numri u qatt ma talbet xi operatur biex jimblokka l-aċċess għal xi sezzjonijiet ta' dan il-pjan. Barra minn dan ma għandux ikun hemm differenzi bejn in-numri aċċessibli minn linja tat-telefon residenzjali jew kummerċjali u bejn *payphone* pubbliku peress li dan jikkostitwixxi prattika diskriminatorja.

L-Awtorità skond il-funzjonijiet tagħha inklużi dawk taħt l-artikolu 4 tal-Kap. 399, tqis li ma hemm l-ebda raġuni valida jew ġustifikazzjoni fil-liġi għaliex il-Maltacom plc għandha unilateralment twaqqaf l-aċċess għal dawk in-numri li jibdew bin-numri 2186 u 2188 u li l-aġir tal-Maltacom plc imur kontra l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni inklużi l-artikoli 18(a), (b) u (f), u 29 ta' l-Att. L-Awtorità tqis li t-twaqqif ta' aċċess mill-Maltacom plc hi prattika li mhix raġonevoli u li tmur kontra l-obbligu tal-Maltacom plc li tagħmel aċċessibli s-servizzi tal-telekomunikazzjoni li tipprovdi.

L-Awtorità tqis li l-azzjonijiet tal-Maltacom plc imorru kontra r-regolament 9(2) tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar is-Servzzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali), b'mod partikolari l-paragrafu (i) tiegħu, u li tali aġir għandu l-effett li jipprevjeni, jirrestrinġi u jgħawweġ il-kompetizzjoni favur il-Maltacom plc u/jew is-sussidjarji tagħha u dan ukoll bi ksur tal-prinċipji ġenerali tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

Għalhekk konformi ma' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar is-Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali) u tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Provdituri ta' Servizzi għal *Internet* u *Data Networks* oħra, l-Awtorità qegħda b'dan tagħti din l-Ordni li ġejja:

1. Li l-Maltacom plc ma għandhiex, jekk mhux bl-awtorizazzjoni miktuba minn qabel ta' l-Awtorità, twaqqaf l-aċċess minn xi numri għal xi numri fin-*numbering ranges* allokati lilha skond il-pjan ta' enumerar nazzjonali u safejn din qegħda fil-preżent tmur kontra din id-direttiva, tieqaf minnufih milli tkompli tagħmel dan;

2. Li kull riklam li jippromovi *packet switched voice services* għandu b'mod ċar jiddefinixxi it-tip ta' servizz li qed jiġi offrut u ma għandux jitqiegħed fis-suq bħala telefonija;

3. Li l-aċċess għal kull *internet access service*, irrespetivament mill-mod kif dan ikun deskritt, għandu isir biss billi jintużaw 2188XXXX jew 2186XXXX jew skond ma jista' jiġi stipulat mod ieħor mill-Awtorità;

4. Li l-artikoli 1 u 2 ta' din id-Direttiva għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta, filwaqt li l-artikolu 3 ta' din id-direttiva għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar, 2004.

JOSEPH V. TABONE
Chairman
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.".